# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Jannar 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Numru:- 82/2021 JVC**

**AJD Tuna Limited (C 26300)**

**vs**

1. **Registratur Qrati Civili u Tribunali;**
2. **Direttur tal-Agrikultura u Sajd u permezz ta' digriet datat 29 ta' Lulju 2021 l-atti gew legittimati f'isem id-Direttur Generali tas-Sajd u l-Akkwakultura**
3. **Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn is-socjeta` rikorrenti AJD Tuna Limited talbet kif isegwi:

1. ‘Illi b’decizjoni taghha tal-24 ta’ Awissu 2020 [kopja hawn annessa mmarkata bhala Dokument A] l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat provvediment fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C-26300) v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) permezz ta’ liema qalet hekk:

   *Tichad it-talba tal-kumpanija appellanti u tikkonferma d-digriet ta’ dezerzjoni moghti waqt is-smigh tat-30 ta’ Gunju, 2020, bl-ispejjez jithallsu mill-istess appellanti.*

2. Illi fis-seduta tat-30 ta’ Gunju 2020 l-Onorabbli Qorti tal-Appell ivverbalizzat kif gej:

   *Meta ssejjah l-appell dehru l-Av. Ian Refalo ghas-socjeta` appellanta AJD Tuna Ltd rapprezentata minn Charles u Anthony Azzopardi fl-Awla. Dehret l-Av. Abigail Caruana Vella ghall-appellati.*

   *Il-Qorti tirrileva li s-socjeta` appellanta AJD Tuna Ltd giet notifikata bil-kawtela u l-avviz tas-smigh fid-19 ta' Gunju 2020 u l-kawtela baqghet ma thalsitx, fic-cirkostanzi l-Qorti tqis l-appell desert.*

3. Illi l-appell in kwistjoni kien gie intavolat mir-rikorrent fid-19 ta’ Awissu 2015, cioe kwazi hames snin qabel ma l-appell gie eventwalment appuntat ghas-smigh.

4. Illi jirrizulta imbghad li minghajr ebda preavviz fis-16 ta’ Gunju 2020, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iffissat is-smigh ghat-30 ta’ Gunju 2020, u cioe anqas minn gimghatejn wara

u jirrizulta li fid-19 ta' Gunju dak l-istess digriet gie moghti f'idejn certu Joseph Cutajar impjegat tad-ditta Azzopardi Fisheries u li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kumpanija AJD Tuna Limited. Il-karta eventwalment waslet ghand Charles Azzopardi ftit jiem wara u dan cempel lill-avukat patrocinanti tieghu waqt il-long weekend tal-imnarja.

5. Illi b'kumbinazzjoni ftit granet qabel, fit-12 ta' Gunju 2020 l-esponenti kienet ipprezentat kawza gdida fl-istess ismijiet (rikors guramentat numru 425/2020) u r-rappresentant tal-kumpannija esponenti ghall-ewwel fehem li l-ittra li rcieva kienet tirreferi ghall-appuntament ta' dik il-kawza gdida.

6. Illi fit-30 ta' Gunju 2020 Charles Azzopardi u huh Anthony Azzopardi ipprezentaw ruhhom il-Qorti u wrew id-disponibilita' taghhom li mmedjatament ihallsu l-kawtela ghall-kawza in kwistjoni.

7. Illi ghandu jinghad ukoll li fil-mument li giet notifikata l-kumpannija appellant instabet fl-iktar fazi krucjali tal-istagun fejn ikun qieghed jiddahhal it-tonn fl-istabbiliment taghha, operazzjoni li tirrikjedi li l-impjegati u d-dirigenti taghha jqattghu hinijiet twal il-bahar jew barra mill-ufficcju fuq xoghol. Dawn del resto huma fatti fil-hajja tal-kumpannija appellant li jirrizultaw anki mill-fatti ta' dan l-appell li jinkwadraw ruhhom precizament fl-operazzjonijiet li jsiru fis-sajf biex il-hut maqbdu jigi mdahhal fl-istabbilimenti ittici.

8. Illi wiehed jippremetti ukoll li kien hemm restrizzjonijiet fl-operat tal-kumpannija li kienu gew necessitati mill-emergenza sanitarja li hakkmet il-pajjiz.

9. Illi minkejja dan kollu l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ppermettietx il-hlas tal-kawtela u ddekretat id-dezerzjoni tal-Appell.

10. Illi l-esponenti ghalhekk fit-3 ta' Lulju 2020 kienet ipprezentat rikors permezz ta' liema talbet ghar-ragunijiet hemm premessi fil-qosor li l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha thassar l-imsemmi digriet taghha u filwaqt li tiffissa terminu gdid ghall-hlas tal-kawtela terga tqieghed l-appell ghas-smigh.

11. Illi izda kif gia premess fil-qosor f'dan ir-rikors l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahhdet it-talba u kkonfermat id-digriet ta' dezerzjoni.

12. Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata bid-digriet ta' dezerzjoni premessa u bil-provvediment li ttiehed mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Awissu 2020.

13. Illi l-esponenti tirrileva bir-rispett li ma kienx hemm fil-kaz presenti notifika skond il-ligi tal-avviz tas-smigh u l-avviz ghall-hlas tal-kawtela, stante li l-ligi tirikjedi fejn in-notifika tal-att tithalla f'idejn terzi li din tithalla f'idejn impjegat tal-persuna li tkun qieghda tigi notifikata, waqt li fil-kaz presenti l-att thalla f'idejn persuna li ma hijiex impjegata tas-socjeta appellanti, u inoltre in-nuqqas ta' depositu kien frott ta' zball invincibbli billi d-diretturi meta eventwalment u tardivament l-att wasal f'idejhom huma hasbu li l-att u l-appuntament kien jirreferi ghall-proceduri li kienu ghadhom kemm intavolaw u ma giex f'mohhom li dan kien jirreferi ghall-appell minnhom introdott hames snin qabel.

14. Inoltre l-appell jinvolvi punt ta′ dritt Ewropew u ghalhekk il-protezzjoni lilhom moghtija mil-ligi ewropeja qieghda tigi inficcjata u migjuba fix-xejn minn regoli ta′ procedura maltin li ma jistghux jidderogaw mill-protezzjoni li taghti l-ligi ewropeja lill-persuni. Inoltre l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha s-setgha kif diga esercitata minnha li taghti l-possibilita li wiehed jeffettwa d-depositu fejn in-nuqqas jkun l-effett ta′ zball genwin jew invincibbli jew addirittura fejn ma jkunx hemm zmien bizzejjed biex effettivament isir id-depozitu. Barra minn hekk jekk in-notifika tal-avviz tas-smigh ma tkunx valida t-terminu ghad-depozitu tal-kawtela lanqas biss ikun ghandu beda jiddekorri.

15. Illi d-decizjonijiet premessi mertu ta′ dan ir-rikors jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif sancit mill-kostituzzjoni u mill-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea:

16. Illi a huwiex accettabbli li persuna tithalla tistenna hames snin biex l-appell taghha jinstema′, imbaghad hesrem tigi rinfaccata b′emergenza meta jinhareg avviz ghal smigh bi ftit granet biss a disposizzjoni tal-appellant. Evidentement la l-Qorti damet hames snin biex tappunta l-kawza ghas-smigh evidentement ma jaghmilx sens li imbaghad il-kontinwazzjoni tal-istess kawza titpogga fil-perikolu sempliciment minhabba kwistjoni ta′ gurnata wahda. Ma hemm ebda proporzjonalita bejn il-mizura li giet adottata u li twasslet biex ir-rikorrenti giet imcahhda mis-smigh tal-appell taghha. Wiehed fil-fatt isaqsi x′kienet l-ghagla li wasslet lil Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tappunta l-kawza ghas-smigh litteralment minn gurnata ghall-ohra

wara li ghaddew hames snin mid-data li fiha kien gie intavolat l-appell?

17. Illi l-fatti juru li l-kawtela ma thallsitx mhux ghax l-esponenti ttraskuraw izda ghaliex ma nghatawx opportunita' shiha biex jaghmlu dan. Filfatt nhar it-30 ta' Gunju kienu prezenti d-diretturi tal-kumpannija u l-Onorabbli Qorti tal-appell setghet tikkonstata bis-shih li dawn riedu li l-appell taghhom jinstema' u riedu ukoll ihallsu l-kawtela. Ovvjament ma huwiex gust li l-Qorti tinjora d-diffikoltajiet logistici u prattici li persuni talvolta jiffaccjaw intortament imma biss sforz tan-natura tax-xoghol taghhom; xoghol legittimu ta' valur li f'mumenti partikolari, kif kienet din, jirrikjedu attenzjoni kbira li jista' jwassal sabiex affarijiet ohra jiehdu ftit aktar hin. Evidentement il-hlas tal-kawtela f'dik il-gurnata ma kienet ser taghmel ebda differenza ta' natura prattika lill-amministrazzjoni tal-gustizzja. Dan aktar u aktar meta teknikament ma kienx hemm notifika valida tal-avviz ghall-hlas tal-kawtela;

18. Illi l-mizura ma kienitx proporzjonali anke ghaliex l-istitut ta' dezerzjoni twassal, fil-grad ta appell, ghall-accertament finali tal-kwistjoni li tkun tressqet in giudizzju u ma ghandhiex ghalhekk twassal ghac-cahda tas-smigh hlief f'kazijiet estremi.

19. Illi jigi rilevat ukoll illi l-fatt biss li l-kawza kien ilha pendenti quddim il-Qorti tal-Appell ghal oltre hames snin sempliciment bies titqieghed fuq il-lista huwa assolutament inaccettabbli mill-punto di vista tad-dritt ta' kull parti fil-kawza li tinghata smigh xieraq FI ZMIEN RAGJONEVOLI. Huwa evidenti li meta jghaddi dan iz-zmien kollu minghajr ma' wiehed ikun sema' ebda ahbar dwar il-kawza, huwa

aktar facli li ma jintebahx bil-portata ta' xi dokument li jasallu jew li addirittura, kif gara f'dan il-kaz, li jispicca jikkonfondi kawza ma' ohra, u huwa ben evidenti illi kien id-dewmien da parti tal-Qorti tal-Appell stess li wassal biex l-esponenti tfixklu u ma sehhilhomx jiddepozitaw il-kawtela qabel it-30 ta' Gunju 2020. Li kieku ma kienx ghal dak id-dewmien certament li l-esponenti ma kienux sejrin jispiccaw fis-sitwazzjoni li qieghdin fiha llum, u m'huwiex gust li konsegwenza tad-dewmien tal-kawza spiccaw biex tilfu d-dritt ta' azzjoni nnifsu. Ghalhekk jirrizulta li l-esponenti garrbu ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet fundamentali tal-Bniedem u l-aktar rimedju f'loku ghal din il-vjolazzjoni tkun li l-kawza numru 1210/2008 terga' titpogga fuq il-lista u l-provvedimenti dwar id-dezerzjoni jigu mhassra;

20. Illi fir-rikors tal-appell u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-esponenti kienet qajjmet punt dwar id-dritt Ewropew li gie lez mill-amministrazzjoni u li effettivament hi l-mertu tal-appell. Huwa ironiku kif kwistjoni procedurali ohra issa intuzat biex terga' ccahhad lir-rikorrent mill-gustizzja li ilu jitlob sa minn meta rrikorra quddiem dawn il-Qrati fl-2008. Wiehed ma ghandux jinsa li din il-kawza involviet riferenza lill-Qorti ta' Gustizzja Ewropeja li sabet li regolarment partikolari mahrug mill-Kummissjoni kien kiser il-ligi Ewropeja. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili madanakollu cahdet it-talba ghad-danni ghaliex deherilha li l-fatti ma kienux jinkwadraw ruhhom fil-ligi procedurali Maltija. Issa li l-appell wasal biex jinstema' sibna ligi procedurali ohra li wasslet ghad-digriet ta' dezerzjoni. Is-sottomissjoni f'dan il-

kaz huwa li ebda ligi Nazzjonali ma tista tillimita d-dritt ghal rimedju ghall-ksur tad-dritt Ewropew.

21. Illi inoltre r-rikorrenti kellhom dritt ta' azzjoni, liema azzjoni fil-fatt huma kienu diga' ezercitaw billi kellhom kawza li kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, u tali dritt ta' azzjoni anke bhala jedd litigjuz tikkwalifika bhala posediment fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Certament li l-provvedimenti premessi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-24 tas' Awissu 2020 u tat-30 ta' Gunju 2020 fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) interferew ma' dak id-dritt ta' azzjoni mehud bhala provvediment, u anzi addirittura cahhdu lill-esponenti minn dak il-possediment taghhom, u dan meta ma kien hemm l-ebda interess pubbliku li kellu jwassal ghal dik ic-cahda.

22. Illi jigi rilevat ukoll illi l-provvedimenti msemmija la kienu skond il-ligi (billi kif diga' inghad in-notifika lanqas kienet valida), la saru fl-interess generali u wisq anqas inzammet proporzjonalita' u bilanc gust bejn id-drittijiet tal-esponenti u dawk tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Dan anke in kwantu l-Qorti tal-Appell tista' thalli appell pendenti quddiemha ghal hames snin, b'impunita' totali, izda imbaghad il-parti fil-kawza mistennija taghmel depozitu ta' flus fi zmien brevissimu;

23. Illi ghalhekk l-esponenti qed jipprocedu b'din il-kawza li permezz taghha qed jitolbu li jigi dikjarat li fil-konfront

taghhom sehhew vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikoli 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea, jigi dikjarat li l-provvedimenti premessi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-24 tas' Awissu 2020 u tat-30 ta' Gunju 2020 fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) huma nulla u ultra vires billi l-artikoli tal-ligi dwar il-hlas tal-kawtela ma humiex applikabbli fl-ambitu ta' kawza promossa f' Qorti Maltija u li fiha kienu qieghdin jigu mistharrga l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet Maltin koncernati a bazi ta' ligijiet Ewropej, jigu mhassra u revokati l-provvedimenti msemmija u l-kawza numru 1210/2008 terga' titqieghed mill-gdid fuq il-lista ghas-smigh tal-kawzi, u jinghata lir-rikorrenti kwalsiasi rimedju iehor opportun, inkluz kumpens pekunjarju biex jaghmel tajjeb ghall-pregudizzju soffert mir-rikorrenti naxxenti mill-fatti deskritti fil-qosor f'dan ir-rikors u mill-vjolazzjonijiet hawn riskontrati.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt li tirriserva li tressaq il-provi u dokumenti kollha necessarji in sostenn tat-talba taghha, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi l-kawza billi wara li tkun semghet x'ghandhom xi jghidu l-kontroparti:

1. Tiddikjara li bil-fatt li l-appell tal-esponenti fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru

1210/2008) dan madwar hames snin biex jigi appuntat sehhet vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l- Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

2. Tiddikjara li l-provvedimenti premessi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-24 tas' Awissu 2020 u tat-30 ta' Gunju 2020 fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea, u cioe' kemm id-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif ukoll id-dritt ghal access ghall-qorti nnifsu.

3. Tiddikjara li l-provvedimenti premessi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-24 tas' Awissu 2020 u tat-30 ta' Gunju 2020 fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, billi annjentaw u gabu fix-xejn dritt ta' azzjoni li kellha r-rikorrenti u dan minghajr l-ezistenza ta' ebda interess pubbliku.

4. Tiddikjara li l-provvedimenti permessi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-24 tas' Awissu 2020 u tat-30 ta' Gunju 2020 fil-

kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) jledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti skond l-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea billi jikkostitwixxu uzu sproporzjonat ta' teknikalita' procedurali.

5. Tiddikjara illi l-provvedimenti permessi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-24 tas' Awissu 2020 u tat-30 ta' Gunju 2020 fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) v. Direttur tal-Argikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) huma nulli u ultra vires billi l-artikoli tal-ligi dwar il-hlas tal-kawtela ma humiex applikabbli fl-ambitu ta' kawza promossa f'Qorti Maltija u li fiha kienu qieghdin jigu mistharrga l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet Maltin koncernati a bazi ta' ligijiet Ewropej.

6. Tghaddi sabiex thassar u tirrevoka l-provvedimenti premessi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-24 tas' Awissu 2020 u tat-30 ta' Gunju 2020 fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) u tordna t-tqeghid mill-gdida tal-kawza fuq il-lista tas-smigh tal-kawzi.

7. Taghti kwalsiasi rimedju iehor opportun, inkluz kumpens pekunjarju biex taghmel tajjeb ghall-pregudizzju soffert mir-rikorrenti naxxenti mill-fatti deskritti fil-qosor f'dan ir-rikors u mill-vjolazzjonijiet hawn riskontrati.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

L-intimati huma bil-prezenti ingunti in subizzjoni.’.

Rat ir-risposta guramentata tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali li taqra kif isegwi:

1. ‘Illi fl-ewwel lok preliminarjament jinghad li r-rikors promotur jehtieg li jigi korrett stante li ma giex osservat l-artikolu 174(2)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi *in linea* preliminari ukoll jigi eccepit li l-eccipjenti Registratur Qrati Civili u Tribunali assolutament m’huwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanza attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Illi f’dan il-kaz ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qeda tattribwixxu l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghha ghal xi nuqqas jew agir minn naha tal-esponenti u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Novembru, 2004 fejn intqal:

> *‘Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa’ taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f’dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll*

*mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.'*

5. Illi l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-provvedimenti li tat il-Qorti u li qed jigu attakkati f'dawn il-proceduri u lanqas ma kien involut jew parti fil-kawza in meritu u ghalhekk zgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhumiex bl-ebda mod tort tal-esponenti.

6. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:

*'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbji li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.'*

7. Illi in oltre ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona vs Direttur Generali Qrati et;**

8. Illi fil-meritu l-eccipjenti jirrileva li ma kien hemm ebda ksur kif lamentat mir-rikorrenti u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1) 'Illi in linea preliminari u ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd ma huwiex il-leġittimu kontradittur u m'għandux jiġi mgħobbi b'xi responsabbilita' jew akkollat b'xi spejjeż għall-xi azzjoni li tagħha ma kienx l-awtur. Il-preżenza tal-istess Direttur għanda tkun limitata għall-integrita' tal-ġudizzju;

2) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nomenklatura Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd ma għadix teżisti u llum il-ġurnata l-kompetenza tal-imsemmi Direttur ġiet assorbita mid-Direttur Ġenerali tas-Sajd u l-Akkwakultura;

3) Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandha tindika liema subinċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u liema subinċiż tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hi qiegħda tallega li ġew leżi. L-esponenti jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta ulterjuri jekk u meta r-rikorrenti tindika, inekwivokabilment, liem subinċiżi tal-artikoli surreferiti ġew allegatament ivvjolati;

4) Illi preliminarjament ukoll u b'referenza lejn l-allegat ksur tal-artikoli 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, il-mertu ta' din il-vertenza huwa allegat ksur tad-drittijiet umani minħabba azzjonijiet tal-Qrati Maltin, u ċioe kif il-Qrati Maltin interpretaw u applikaw il-

Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux kif ġiet interpretata u applikata l-liġi Ewropeja, liema azzjonijiet huma naxxenti minn proċedura purament nostrana. Konsegwentament l-azzjoni abbażi tal-Karta hi improponibbli;

5) Illi **mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu**, l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kollha stante li huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti mingħajr preġudizzju għall-xulxin:
6) Illi stante li r-rikorrenti qiegħda tattakka biss il-fatt li l-Qorti tal-Appell imxiet mal-istess provedimenti, l-azzjoni tal-istess rikorrenti mhix mistħoqqa stante li r-rikorrenti qiegħda tippretendi li l-Qrati Maltin kellom jagħtu xi trattament speċjali lill-istess u dan meta kienet in-nuqqas tal-ħlas tal-kawtela da parti mir-rikorrenti (li mkien sa issa ma huwa msemmi li kien xi ammont eżorbitanti) li wasslet għas-sitwazzjoni preżenti. Semmai għandha tkun ir-rikorrenti li tipprova għaliex il-ħlas tal-kawtela kien impossibbli fi żmien mogħti lilha;

7) Illi b'referenza **għall-ewwel talba**, l-esponenti jeċepixxu li ma saret l-ebda leżjoni ta' xi dritt sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

8) Illi b'referenza **għat-tieni talba**, l-esponenti jeċepixxu li ma saret l-ebda leżjoni ta' xi dritt hekk kif sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal- artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li l-Qorti tal-Appell aderixxiet mal-proċedura ċivili hekk kif promulgata fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *(vide artikolu 209 tal-Kapitolu 12),* **liema dispożizzjoni tistipula ċar il-kundizzjonijiet tassattivi** li magħhom għanda

timxi l-Qorti tal-Appell. Għaldaqstant la kien hemm xi ksur ta' xi dritt ta' smiegħ xieraq u anqas kien hemm xi impediment għad-dritt t'aċċess;

9) Illi di piu', l-inadempiment u l-inottemporanza tar-rikorrenti mal-obbligu li kellha li tħallas il-kawtela ma jistax jitgħabba fuq l-esponenti, kemm għaliex tali obbligu ma huwiex trasferibbli u kif ukoll għaliex huwa inerenti fl-ordinament ġuridiku tagħna fl-istadju tal-appell li titħallas il-kawtela mill-appellant. Illi l-kawtela mhux biss tassigura l-integrita' tal-ġudizzju iżda tissalvagwardja l-interessi tal-partijiet kontendenti u tevita li jsiru appelli frivoli u vessatorji li jkunu intiżi sabiex itawwlu l-proċediment b'mod inutli. Il-liġi trid li l-Qorti stess tkun marbuta tassativament bi dmir illi tisma' l-appell purche' l-kawtela tħallset. Ir-rikorrenti donnu qiegħda tissuġġerixxi illi l-Qorti kellha teżerċita poteri diskrezzjonali u fakultativi illi l-liġi ma ttihix. Il-qrati tagħna jottjenu, jassumu u jeżerċitaw ġurisdizzjoni biss għax ittihilhom il-liġi;.

10) Illi b'referenza wkoll **għat-tieni u għar-raba' talba** u *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti ssib l-Karta hi applikabbli, l-esponenti jeċepixxu li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u li la kien hemm xi ksur ta' xi dritt ta' smiegħ xieraq, la impediment għad-dritt t'aċċess u bil-wisq anqas kien hemm użu sproporzjonali f'xi teknikalita' proċedurali;

11) Illi b'referenza **għat-tielet talba**, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ma huwiex applikabbli stante li d-dritt proċedurali tal-appell la huwa xi dritt patrimonjali u lanqas huwa xi possediment ai finijiet tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll;

12) Illi l-eżistenza tal-appell innifsu tippreżupponi kontestazzjoni ġuridika. Għalhekk l-appell jimplika neċessarjament id-dubbju fl-eżitu tal-vertenza. Dan ifisser illi l-appell iniffsu ma jista' qatt jikkostitwixxi *"a vested right or an acquired right",* għaliex huwa att ġudizzjarju intiż sabiex jistabbilixxi tali drittijiet. Fi kliem ieħor l-appell innifsu huwa prova aħħarija ta' nuqqas tat-tali dritt. Li kieku s-soċjeta' rikorrenti kellha dritt ma kienx ikollha bżonn tappella ab initio, dan kollu jisposta, ġuridikament l-applikazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll;

13) Illi b'referenza **għall-ħames talba** u *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti ssib li l-Karta hi applikabbli, l-esponenti jissottomettu li d-dritt kommunitarju jirrikjedi li l-Qrati nazzjonali jimxu mal-prinċipju ta' effettività u ekwivalenza. Illi l-proċedura ċivili ma tagħmilx distinzjoni bejn id-dritt kommunitarju u dritt purament nostran. De facto l-proċedura tal-Qorti tal-Appell hi applikabbli irrispettivament minn xi jkun il-mertu tal-istess appell. Għaldaqstant u nonostante li l-ħames talba m'għandhix tiġi milqugħa, r-rikorrenti għandha tfisser aħjar abbażi ta' xiex qiegħda tippretendi li kellha tiġi addotatta xi tip ta' proċedura speċjali fil-konfront tagħha (proċedura li tippretendi li kellha teħlisha mill-ħlas tal-kawtela) u għandha tfisser ukoll kif skont hi l-azzjonijiet tal- Qorti tal-Appell saru ultra vires;

14) Illi b'referenza **għas-sitt u s-seba' talba** tar-rikorrenti, l-Qorti ta' Sede Kostituzzjonali m'għandix tiġi utilizzata bħala xi Qorti tat-Tielet Istanza, speċjalment meta tenut kont tal-fatti kif spjegati mir-rikorrenti stess, huwa ċar li d-dikjarazzjoni ta' deżerzjoni mill-Qorti tal-Appell kienet konsegwenza ta' għemil jew nuqqas ta' għemil mir-rikorrenti. Konsegwentament din l-

Onorabbli Qorti la għandha terġa' tqiegħed din il-kawża fuq il-lista tal-Qorti tal-Appell u wisq anqas tagħti xi rimedju jew kumpens;

Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.'

Rat l-affidavits, xiehda, kopji tan-notifiki tal-avvizi ta' smigh, kopja ta' verbal u provvediment ta' kawzi ohra, memorandum and articles of association, ittra ufficjali, digrieti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Marzu, 2021 il-Qorti ordnat li jigi allegat il-process 1210/2008 fl-ismijiet AJD Tuna Limited -vs- Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et, rat li l-avukati tas-socjeta' rikorrenti talbu li l-provi migbura f'dak il-process jiffurmaw parti mill-process odjern u rat li l-Qorti laqghet it-talba li l-provi jservu ghal din il-kawza wkoll;

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Limited intavolat nhar is-6 ta' April, 2021 fejn permezz tieghu talbet li fl-okkju jiddahhal in-numru ta' registrazzjoni 'C26300' immedjatament wara 'AJD Tuna Limited' u billi minflok il-kliem 'Registratur tal-Qorti' jiddahhal il-kliem 'Registratur Qrati Civili u Tribunali' u rat id-digriet tal-Qorti datat 15 ta' April, 2021 fejn stante li l-kawza

kienet ghadha fil-bidu taghha ghaddiet sabiex laqghet it-talbiet kif dedotti u ordnat il-korrezzjonijiet kif mitluba;

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti tat-2 ta' Lulju, 2021 fejn permezz tieghu talbet lill-Qorti tordna l-legittimazzjoni tal-atti f'isem id-Direttur Generali tas-Sajd u l-Akkwakultura minflok id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd, rat illi l-intimati fil-verbal tad-29 ta' Lulju, 2021 m'oggezzjonawx ghat-talba u rat id-digriet tal-Qorti moghti seduta stante fejn laqghet it-talba u ordnat il-legittimazzjoni tal-atti kif mitluba;

Rat illi Dr Bernice Saliba ghall-Avukat tal-Istat in vista tal-korrezzjoni rtirat l-eccezzjoni taghha filwaqt li zammet ferm l-eccezzjonijiet rimanenti u kull fejn hemm referenza ghad-Direttur tal-Agrikoltura u Sajd, ghandu jiftiehem li qed issir referenza ghad-Direttur Generali tas-Sajd u Akwakultura;

Rat illi fil-verbal datat 29 ta' Lulju, 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat li fin-nota tal-Avukat tal-Istat a fol. 104 tal-process gie dikjarat li l-istess Avukat tal-Istat m'ghadux jinsisti fuq it-tielet eccezzjoi mqajjma minnu in vista tal-indikazzjonijiet tas-sub-artikoli mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissonijiet taghha';

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi s-socjeta' rikorrenti ADT Tuna Limited (C26300) permezz tal-ilment kostituzzjonali odjern tallega allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghha konsistenti mid-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, kif ukoll id-dritt ghal access ghall-qorti nnifsu u dan meta l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat il-provvedimenti tal-24 ta' Awwissu, 2020 u tat-30 ta' Gunju, 2020 fil-kawza fl-ismijiet ADT Tuna Limited (C-26300) -vs- Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali Rikors Guramentat nru: 1210/2008 u ddikjarat li l-appell tas-socjeta' rikorrenti waqa' dezert.

Il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-eccezzjonijiet tal-intimati vis a vis wkoll il-mertu sabiex tazal jekk jeffettivament kienx hemm dan l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali meta l-Qorti tal-Appell iddikjara l-appell tal-kawza fl-ismijiet ADT Tuna Limited (C-26300) -vs- Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali dezert.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali:**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari, ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali eccepixxa li r-rikors promotur jehtieg li jigi korrett stante li ma giex osservat l-Artikolu 174(2)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-sub-artikolu 2 (b) tal-Artikolu 174 jaqra kif isegwi:

> '(2) Kull skrittura jew att ieħor li għandhom jiġu notifikati, għandu jkollhom magħhom:

(b) in-numru ta' reġistrazzjoni jekk il-persuna li qed tagħmel it-talba hija soċjetà jew kumpannija reġistrata skont l-Att dwar il-Kumpanniji;'.

Illi in segwitu ghar-rikors tas-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Limited intavolat nhar is-6 ta' April, 2021 a fol. 18 tal-process, li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti talbet li fl-okkju jiddahhal in-numru ta' registrazzjoni 'C26300' immedjatament wara 'AJD Tuna Limited', il-Qorti laqghet it-talba permezz tad-digriet tal-15 ta' April, 2021 u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba. Ghaldaqstant fid-dawl ta' din il-korrezzjoni din l-eccezzjoni giet sorvolata.

**<u>It-tieni eccezzjoni preliminari tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali:</u>**

L-intimat Registratur fit-tieni eccezzjoni tieghu jeccepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi tar-rikorrenti u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

Is-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Limited dwar din l-eccezzjoni ssostni li m'ghadnhiex validita ghaliex huwa r-Registratur li jahdem il-kawtela u jiehu hsieb jinnotifika lill-appellanti, u l-fatt li dam hames (5) snin biex ghamel dan meta l-ligi kienet tippreskrivilu zmien tnax-il (12) xahar wassal ghal ksur tad-drittijiet fundamentali taghha. Issostni wkoll li r-Registratur huwa wkoll il-persuna li jrid jirrispondi ghan-nuqqasijiet fin-notifika, inkluz jekk in-notifika tal-kawtela nghatatx lil persuna li ma kinitx tikkwalifika. Ghalhekk ir-rikorrenti tinsisti li kjarament ir-Registratur huwa certament legittimu kontradittur.

Illi l-Qorti taqbel mal-argument tas-socjeta' rikorrenti li r-Registratur huwa l-persuna responsabbli min-notifika tal-avviz tal-hlas tal-kawtela u tal-avviz tas-smigh. Madanakollu ma taqbilx li b'daqshekk ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali kellu jigi nkluz fil-kawza odjerna li titratta allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Jigi rilevat li primarjament id-dewmien fl-appuntar tal-appell ma jistax jigi b'xi mod attribwit lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali. Il-fatt li l-avviz tal-hlas tal-kawtela u l-avviz tas-smigh dam ma gie notifikat huwa rizultat tal-ammont konsiderevoli ta' appelli fil-lista sabiex jigu appuntati. Jsegwi li r-Registratur ma jistax jigi atribwit xi tort ghaliex dam ma nnotifika l-imsemmija hlas tal-kawtela u l-avviz ta' smigh, li fl-ahhar mill-ahhar il-kawza tad-dewmien tan-notifika taghhom m'humiex rizultat ta' xi agir da parti tieghu.

Fit-tieni lok dwar l-ilment li r-Registratur huwa l-persuna li tirrispondi ghan-nuqqasijiet fin-notifika, il-Qorti taghmel referenza ghal dak iddikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-provvediment taghha tal-24 ta' Awwissu, 2020 (ara digriet a fol. 692 *et seq* tal-process tal-Qorti tal-Appell rikors numru 1210/08):

> '13. Illi hawnhekk il-Qorti tqis li l-argument miġjub minn AJD dwar is-siwi tan-notifika tal-Avviż tas-Smigħ u tal-Ħlas tal-Kawtela mhuwiex wieħed mistħoqq. Mill-atti tal-kawża, joħroġ ċar li n-notifika tal-imsemmi att saret fl-indirizz mogħti mill-istess appellanti minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti personalment. Ħareġ ukoll li l-imsemmija notifika saret aktar minn għaxart (10) ijiem qabel is-smigħ tal-appell. Mix-xhieda ta' Joseph Cutajar (li laqa' għandu n-notifika tal-Avviż) ħareġ ukoll li n-notifika tal-atti ġudizzjarji marbuta

ma' AJD u ma' ditti jew kumpanniji oħrajn fil-Grupp, issir f'dak il-post. Xehed ukoll li malli ngħata f'idejh l-Avviż, ħallih imdendel biex jarawh id-diretturi. Dawn iċ-ċirkostanzi lkoll jixhdu li n-notifika saret kif imiss. Fit-tieni lok, l-argument tan-nuqqas ta' siwi tan-notifika jitwaqqa' minn AJD innifisha billi, dakinhar li ssejjaħ l-appell dehru żewġ rappreżentanti tagħha quddiem il-Qorti li kkonfermaw in-notifika, u wkoll mir-rikors innifsu li fih AJD tgħid li d-diretturi ma kellhomx żmien biżżejjed minn dakinhar tan-notifika biex jikkomunikaw mal-avukati tagħhom u jirregolaw irwieħhom dwar il-ħlas tal-kawtela;'.

Illi l-kwistjoni dwar il-validita' o meno tan-notifika kif jirrizulta mill-paragrafu precedenti kienet gja giet trattata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Gjaladarba l-Qorti tal-Appell kienet gja trattat u sabet li n-notifika kienet wahda kif imiss, din il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinoltra oltre ruhha fl-ezami tal-validita' tan-notifika. Jsegwi ghalhekk li huwa minnu li r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali gie mharrek inutilment fir-rikors odjern. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' din it-tieni eccezzjoni preliminari u tiddikjara li r-Registratur m'huwiex il-legittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd:</u>**

Illi l-intimati Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd preliminarjament eccepew illi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd mhux il-legittimu kontradittur u m'ghandux jigi mghobbi b'xi spejjez ghal xi azzjoni li taghha ma kienx awtur.

Illi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jitkellem dwar f'min hija fdata r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern u fis-sub-artikolu 2 jghid illi:

> '(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.'.

Illi fil-kawza odjerna s-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Limited tilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali taghha rizultat tal-provvedimenti moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Gunju, 2020 u l-24 ta' Awwissu, 2020 li permezz taghhom l-appell tal-kawza bir-rikors numru 1210/2008 fl-ismijiet AJD Tuna Limited -vs- Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali gie dikjarat dezert.

Is-socjeta' rikorrenti fost affarijiet ohra fit-talba bin-numru sitta (6) titlob li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-provvedimenti msemmija u tordna t-tqeghid mill-gdid tal-kawza fuq il-lista ghas-smigh tal-kawzi. Il-Qorti f'dan l-istadju tal-eccezzjoni preliminari m'hijiex ser tinvestiga l-mertu tal-kawza, madanakollu fid-dawl tat-talba msemmija, u kkunsidrat li l-ezitu tal-kawza odjerna jista' jinpingi fuq il-kawza bir-rikors numru 1210/2008, li fiha d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd huwa parti, il-Qorti tqis li l-prezenza tieghu f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integrita' tal-gudizzju kif fuq kollox jammettu l-istess intimati fl-eccezzjoni taghhom stess. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>It-tieni eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd:</u>**

Fit-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati jeccepixxu li n-nomenklatura Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd m'ghadiex tezisti u llum il-gurnata l-kompetenza tal-imsemmi Direttur giet assorbita mid-Direttur Generali tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Is-socjeta' rikorrenti ntavolat rikors f'dan is-sens nhar it-2 ta' Lulju, 2021 fejn talbet li ssir il-legittimazzjoni tal-atti f'isem id-Direttur Generali tas-Sajd u l-Akkwakultura minflok id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd. Fil-verbal tad-29 ta' Lulju, 2021 Dr Bernice Saliba ghall-Avukat tal-Istat u Dr Vanessa Grech ghar-Registratur tal-Qorti m'oggezzjonawx ghat-talba fir-rikors tat-2 ta' Lulju, 2021. Sussegwentament il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-legittimazzjoni tal-atti tal-intimat Direttur tal-Agrikultura u Sajd ghal Direttur Generali tas-Sajd u l-Akwakultura. Dr Bernice Saliba in vista tal-korrezzjoni fl-istess verbal kienet irtirat it-tieni eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

In vista li l-eccezzjoni giet irtirata din l-eccezzjoni giet sorvolata.

**<u>It-tielet eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd:</u>**

Preliminarjament l-intimati Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd eccepew li s-socjeta' rikorrenti ghandha tindika liema sub-inciz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u liema sub-inciz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hi kienet qieghda tallega li gew lezi.

Illi s-socjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha

ntavolata nhar il-15 ta' Ottubru, 2021 indikat li l-ilment taghha huwa limitat ghas-sub-inciz 2 tal-Artikolu 39 u ghas-sub-inciz 1 tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi mbaghad l-intimati Avukat tal-Istat u d-Direttur fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom intavolata nhar it-30 ta' Novembru, 2021 fil-paragrafu 34 iddikjaraw li nvista tal-paragrafu 33 tan-nota tas-socjeta' rikorrenti, il-kwistjoni giet sorvolata u b'hekk ma kienux ser jibqghu jinsistu fuq din l-eccezzjoni.

Fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad, u gjaladarba gew indikati s-sub-incizi li allegatament gew lezi, il-Qorti mhux ser tinoltra oltre u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**<u>Ir-raba' eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd allacjata mar-raba' talba tas-socjeta' rikorrenti:</u>**

Illi s-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Limited fir-raba' talba taghha tilmenta minn ksur tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea partikolarment l-Artikolu 47 d-d-dritt ghal access ghall-qorti nnifsu u l-Artikolu 52 - uzu sproporzjonat ta' teknikalita' procedurali tal-imsemmija Karta.

Da parti taghhom tal-intimati ndikati fir-raba' eccezzjoni taghhom, preliminarjament ukoll, eccepew illi b'referenza ghall-allegat ksur tal-Artikoli 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea, il-vertenza odjerna hija dwar ksur tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali rizultanti minn azzjonijiet tal-Qrati Maltin u cioe' kif il-Qrati Maltin interpretaw u applikaw il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux kif giet interpretata u applikata l-ligi Ewropea. Isostnu li konsegwentament l-azzjoni a bazi tal-Karta

hija improponibbli.

Illi l-Qorti fliet kemm l-argumenti avvanzati mis-socjeta′ rikorrenti fin-nota ta′ sottomissjonijiet taghha, kif ukoll dawk avvanzati mill-intimati fin-nota ta′ sottomissjonijiet taghhom u tiddikjara li taqbel perfettament mal-argumenti tal-intimati hemm avanzati.

Illi jibda biex jigi nnutat li l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jindika x′inhu l-kamp ta′ applikazzjoni tal-istess Karta. Jaqra illi:

> ‘1. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll **<u>biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni.</u>** Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.
>
> 2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati.′ (enfazi tal-Qorti).

Illi minn qari ta′ dan l-artikolu jinsorgi li d-disposizzjonijiet tal-Karta huma intizi ghall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw il-ligi ta′ l-Unjoni. Hekk di fatti nghad fid-decizjoni **Eurosaneamientos SL and Others v ArcelorMittal Zaragoza SA**

**and Francesc de Bolos Pi v Urbaser SA**[1] kwotata mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Inghad illi:

> '54 In the context of the present requests for a preliminary ruling, the national legislation at issue in the main proceedings governs, in general, certain fees connected with the administration of justice. It is not intended to implement provisions of EU law. In addition, EU law does not contain any specific rules in that area or any which are likely to affect that national legislation (see, to that effect, judgment of 27 March 2014, *Torralbo Marcos*, C-265/13, EU:C:2014:187, paragraph 32).
>
> 55 It is not apparent from the orders for reference that the subject matter of the disputes in the main proceedings fall within the scope of EU law (see, by analogy, judgment of 22 December 2010, *DEB*, C-279/09, EU:C:2010:811, paragraphs 28 and 29, and, to that effect, order of 28 November 2013, *Sociedade Agrícola e Imobiliária da Quinta de S. Paio*, C-258/13, EU:C:2013:810, paragraph 23).
>
> 56 In those circumstances, it is clear that the Court does not have jurisdiction to answer the third question in Case C-532/15 and the fifth question in Case C-538/15 referred by the Audiencia Provincial de Zaragoza (Provincial Court, Zaragoza) and the Juzgado de Primera Instancia de Olot (Court of First Instance, Olot) respectively.'.

L-istess inghad fid-decizjoni **Teresa Cicala v Regione Siciliana**[2] kkwotata wkoll minn l-istess intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom illi:

---

[1] Kawzi C-532/15 u C-538/15.

‘20 In this instance, it is common ground that the action in the main proceedings concerns provisions of national law that apply in a purely national context and among them, in particular, those relating to the stating of reasons for administrative acts are at issue in that action.

…

30 It follows from all the foregoing considerations that the Court does not have jurisdiction to answer the questions referred by the Corte dei conti, sezione giurisdizionale per la Regione Siciliana, having regard to the subject-matter of those questions.’.

Illi fil-kaz odjern, l-kwistjoni titratta n-nuqqas ta’ hlas tal-garanzija mposta mill-ligi fejn, fis-seduta tal-30 ta’ Gunju, 2020 quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited -vs- Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et rik gur nru: 1210/2008/1, irrizulta li s-socjeta rikorrenti AJD Tuna Limited kienet giet notifikata bil-kawtela u l-avviz tas-smigh fid-19 ta’ Gunju, 2020 pero’ baqghet ma hallsitx il-kawtela kif rikjest mill-ligi bil-konsegwenza li l-appell gie dikjarat dezert. Is-socjeta’ rikorrenti ntavolat rikors fejn talbet li l-imsemmi digriet jigi mhassar u l-Qorti tal-Appell tiffissa terminu gdid ghall-hlas tal-kawtela biex terga tqieghed l-appell ghas-smigh. Madanakollu permezz tad-digriet tal-24 ta’ Awwissu, 2020 l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet it-talba u kkonfermat id-digriet ta’ deserzjoni moghti waqt is-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2020. Is-socjeta’ rikorrenti ghalhekk fethet il-kawza odjerna fis-sede Kostituzzjonali fejn qed tilmenta li hassitha aggravata bil-provvedimenti msemmija tat-30 ta’ Gunju, 2020 u tal-24 ta’ Awwissu, 2020 moghtija in konformita’ mal-

[2] Kawza C-482/10.

Artikolu 249 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tallega li dawn jilledu d-Drittijiet Fundamentali tal-bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

Fil-kaz odjern, kif jirrizulta l-ilment m'huwiex dwar implimentazzjoni tal-ligi ta' l-Unjoni pero' implimentazzjoni tal-ligi domestika u cioe' tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) partikolarment l-Artikolu 249 li jitratta l-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza. L-artikolu 249 qieghed sabiex jigi salvagwardjat partikolarment l-interess tal-partijiet, tal-avukati, kif ukoll tal-Qorti bl-obbligu fuq din tal-ahhar li tisma' l-appell. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti tqis li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni m'hijiex applikabbli, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, u ser tghaddi sabiex tilqa' din ir-raba' eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur u konsegwentament tichad ir-raba' talba tas-socjeta' rikorrenti fil-parti fejn hija relatata mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

**<u>Ikkunsidrat ulterjoment;</u>**

Illi r-rikors odjern huwa msejjes fuq iz-zewg provvedimenti li nghataw mill-Onorabbli Qorti tal-Appell datati 30 ta' Gunju, 2020 u 24 ta' Awwissu, 2020 fil-kawza bir-rikors guramentat numru 1210/2008 fl-ismijiet AJD Tuna Limited -vs- Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd (ara provvedimenti a fol. 697 u fol. 692 *et seq* tal-process quddiem il-Qorti tal-Appell bin-numru 1210/08).

Il-provvediment datata 30 ta' Gunju, 2020 iddikjara l-appell tas-socjeta' rikorrenti bhala dezert stante li l-kawtela ma kinitx giet imhallsa precedentement ghas-seduta tat-30 ta' Gunju, 2020 kif kien jistipula l-Artikolu 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u

Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-provvediment tal-24 ta' Awwissu, 2020 inghata wara rikors tas-socjeta' rikorrenti sabiex jigi revokat id-digriet precedenti contrario imperio liema rikors ma giex miqlugh u rega' gie kkonfermat d-digriet tat-30 ta' Gunju, 2020.

Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li dawn iz-zewg provvedimenti jiksru d-Drittijiet Fundamentali taghha anki in vista tad-dewmien sabiex gie appuntat l-appell (aktar minn hames snin wara) u l-ghaggla fil-mument li gie appuntat, ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina wiehed wiehed id-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti li allegatament gew miksura.

**<u>Talba numru 1 u talba numru 2 – Vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>**

<u>Talba numru 1:</u>

Illi permezz ta' l-ewwel talba s-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Limited titlob li jigi dikjarat li bil-fatt li l-appell fil-kawza bir-rikors numru 1210/2008 dam madwar hames (5) snin biex gie appuntat kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-intimati Avukat tal-Istat u d-Direttur fis-seba' (7) eccezzjoni taghhom jeccepixxu li ma saret l-ebda lezjoni ta' xi dritt sancit permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Imbaghad fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jespandu billi jargumentaw li l-argument tas-socjeta' rikorrenti in konnessjoni mad-dewmien qieghed isir sabiex jigi ggustifikat in-nuqqas ta' hlas tal-kawtela.

Dan fis-sens li l-kawtela ma thallsitx fil-hin ghaliex allegatament giet mifxula ma' kawza ohra li kienu ghadhom kif intavolaw u li kienet bl-istess isem.

Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati u cioe' li l-argument principali tas-socjeta' rikorrenti fuq id-dewmien huwa konness direttament man-nuqqas ta' hlas tal-kawtela u tal-konfuzjoni li nholqot meta ftit jiem qabel kienet giet intavolata kawza ohra fl-istess ismijiet. Di fatti s-socjeta' rikorrenti sabiex issahhah l-argument taghha ntavolat kopji tan-notifiki kemm bl-avviz tas-smigh tal-Appell bin-numru 1210/08, kif ukoll bid-digriet fil-kawza bin-numru 425/20 (a fol. 28 *et seq* tal-process).

Madanakollu l-Qorti ma temminx li effettivament id-dewmien biex gie appuntat l-appell kien il-kagun li wassal sabiex ikun hemm in-nuqqas ta' hlas tal-kawtela. In fatti jekk tinghata harsa lejn l-argumenti avvanzati mis-socjeta' rikorrenti jirrizulta li principalment kien hemm zewg argumenti u cioe' l-ewwel wahda dik li n-notifika ma saritx kif imiss. Is-socjeta' rikorrenti targumenta li n-notifika tal-avviz tas-smigh u tal-hlas tal-kawtela nghata f'idejn Joseph Cutajar haddiem ta' socjeta' diversa Azzopardi Fisheries liema karta waslet ftit jiem wara ghand Charles Azzopardi. Madanakollu mid-deposizzjoni ta' Joseph Cutajar fil-mori tal-Appell bir-rikors numru 1210/2008 jirrizulta li effettivament dan il-haddiem kien wahhal il-karta tal-Qorti dakinhar stess mal-'board' fl-ufficju tad-Direttur (ara deposizzjoni a fol. 684 *et seq* tal-process tal-Appell 1210/2008). Ghalhekk ghalkemm effettivament il-karta nghatat f'idejn haddiem ta' socjeta' diversa, xorta jirrizulta li n-notifika waslet fl-ufficju tad-direttur. Dan apparti li ghalkemm il-haddiem huwa mpjegat ma' socjeta' diversa u cioe' Azzopardi Fisheries din is-socjeta' ghandha

l-istess diretturi u l-istess ufficini ta' AJD Tuna Limited. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx li dan l-argument iregi.

Din il-Qorti lanqas temmen li d-dewmien kien ir-raguni li wassal ghal konfuzjoni bejn l-appell u l-kawza li kienet ghadha kif giet intavolata ftit jiem qabel. Di fatti Charles Azzopardi – managing director tal-kumpanija fix-xhieda tieghu moghtija fis-17 ta' Gunju, 2021 ma jghidx li huwa fixel dan l-avviz tas-smigh u l-hlas tal-kawtela tal-appell 1210/08 mal-avviz tal-kawza 425/20. Pero' jindika li l-avviz tas-smigh u l-hlas tal-kawtela gie f'idejh il-Gimgha (cioe' gimgha wara li gie notifikat) u kien dakinhar li ghadda kopja lill-avukat ta' fiducja tieghu. Hekk jixhed illi:

> 'Dr John Refalo: Quddiem il-Qorti tal-Appell. Issa tista' tiftakar ftit ic-cirkostanzi ta' dik in-notifika li rcevejtu x'kienet?
>
> Xhud: Jiena niftakar qisu l-bierah, ircevejna, kelli notifika quddiemi l-Gimgha u cempilt lilek jew bghattlek Whatsapp u ghidtlek li ghandna din il-kawza biex immorru nhallsuha u unfortunately t-Tnejn kienet festa, kienet l-Imnarja ghax ahna gejna biex inhallsu. Meta gejna t-Tlieta filghodu kien tard wisq.
>
> Dr John Refalo: Jigifieri ha nipprovaw nispjegawha b'mod li huwa, intom ircevejtu l-avviz biex thallsu n-notifika, biex thallsu?
>
> Xhud: Iva kienu xi on thousand euro.
>
> Qorti: Biex thallsu l-kawtela.

Dr John Refalo: Biex inhallsu l-kawtela. Issa ftit qabel, fi granet qabel ma rcevejt il-kawtela, intom kontu pprezentajtu kawza ohra?

Xhud: Fl-istess perjodu kellna kawza ohra li kellna gaggeg tat-tonn bl-istess kumpanija u bl-istess direttur fejn kellna zewg gaggeg on tow u min jghid irridu nharrbuhom u min jghid irridu nzommuhom u kienu fl-istess perjodu.

Dr John Refalo: Kien hemm kawza bin-numru 425/2020, Imhallef Toni Abela ha nurik id-dokument D li hemm anness hawnhekk. .... ....

Dr John Refalo: Nissuggerilek illi jirrizulta mid-dokument illi din il-kawza pprezentajtuha f'nofs Gunju.

Xhud: Iva naqbel. ... ...'.

Illi minn dak li xehed Charles Azzopardi jirrizulta li effettivament in-nuqqas ta' hlas tal-kawtela ma sarx konsegwenza tad-dewmien, pero' tort tieghu stess meta huwa dam ma ha konjizzjoni tal-avviz tal-hlas tal-kawtela li kien imdendel fl-ufficcju tieghu. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li dan l-argument ukoll ma jregix.

Dan premess, ghalkemm kif gja nghad is-socjeta' rikorrenti uzat l-argument tad-dewmien principalment sabiex tiggustifika n-nuqqas ta' hlas tal-kawtela, fid-dawl tal-ewwel talba din il-Qorti xorta ser tinvestiga jekk effettivament kienx hemm dewmien fejn il-kawza 1210/08 damet tistenna sabiex tigi appuntata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Ghalkemm jinghad li jekk effettivament jirrizulta li kien hemm dewmien dan bl-ebda mod

ma jista jservi ta' skuzanti ghan-nuqqas ta' hlas tal-kawtela u dan ghar-ragunijiet gja suesposti.

Illi ghall-iskop tal-kaz odjern, l-parti l-aktar ta' rilevanza mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa s-sub-artikolu (2) illi jipprovdi kif isegwi:

> '(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'

Mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem l-aktar parti rilevanti hija kif isegwi:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippregudika l-interessi tal-ġustizzja.'

Jirrizulta li l-appell tal-kawza bir-rikors guramentat numru 1210/08 li dwaru s-socjeta' rikorrenti qed tilmenta fl-ewwel talba

habba dewmien gie ntavolat fir-registru fid-19 ta' Awwissu, 2015 (a fol. 662 *et seq* tal-process tal-appell) filwaqt li r-risposta tal-appell tal-intimati Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali gietipprezentata fis-7 ta' Settembru, 2015 (a fol. 694 *et seq* tal-process tal-appell). L-appell gie appuntat ghal nhar it-30 ta' Gunju, 2020 (ara avviz tas-smigh a fol. 696) u gie notifikat lil AJD Tuna Limited nhar id-19 ta' Gunju, 2020. Ghalhekk it-tul taz-zmien bejn il-prezentata tal-appell u l-appuntament tas-smigh tal-appell jirrizulta li huwa dak ta' erba' (4) snin, ghaxar (10) xhur u hdax (11) il-gurnata.

Illi dwar iz-zmien ragonevoli l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb **Law of the European Convention on Human Rights** (raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw illi:

> 'The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58].[3]
> The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the

[3] Pagna 440 tal-ktieb.

> competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].[4]'.

Illi dan l-insenjament gie wkoll adottat mill-Qrati taghna fosthom fid-decizjoni fl-ismijiet **David Marinelli -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-3 ta' Lulju, 2008 fejn inghad illi:

> 'B`mod generali, biex jigi determinat jekk is-smigh f`xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proceduri, u b`mod partikolari:
>
> 1. in-natura u / jew komplessita` tal-kaz in kwistjoni.
> 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u
> 3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja stess.'.

Fil-kaz odjern, l-ilment huwa fuq id-dewmien sabiex jigi appuntat l-appell mid-decizjoni tal-ewwel istanza. Ghalhekk il-kriterji li ghandhom jigu applikati huma differenti minn dawk elenkati fl-imsemmija decizjoni. F'dan l-istadju l-Qorti ser tikkwota mid-decizjoni moghtija minnha stess fl-ismijiet **Leo Micallef et -vs- Avukat Generali** deciza nhar it-30 ta' Settembru, 2021 fejn fir-rigward l-irwol tal-Qorti tal-Appell in konnessjoni mad-dewmien fl-appuntar irrilevat is-segwenti:

---

[4] Pagni 440 – 441 tal-ktieb.

'Illi jibda billi jinghad li l-Onorabbli Qorti tal-Appell mhux biss hija mghobbija bis-smigh tal-appelli tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, pero' hija wkoll mghobbija b'appelli mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Ghawdex), mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Ghawdex) u mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc)[5]. Mhux biss, il-Qorti tal-Appell tiehu wkoll konjizzjoni tal-appelli msemmijin fl-Artikolu 6 tal-Ligi dwar il-Legati taz-Zwieg[6], kif ukoll, ta' kawzi ohra li bid-disposizzjonijiet espressa tal-ligi huma mhollijin ghaliha[7]. Kif hu mistenni lkoll minghajr distinzjoni jridu jinghataw smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Mill-banda l-ohra, jrid jinghad ukoll li l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija wkoll tenuta li f'cirkostanzi partikolari elenkati fil-ligi, jitqieghdu l-ewwel ghas-smigh, u fil-fatt jinstemghu l-ewwel il-kawzi segwenti:

(i) kawzi ta' ritrattazzjoni;

(ii) kawzi ta' spoll imsemmija fl-artikolu 791 tal-Kodici;

(iii) kawzi dwar disprezz tal-qorti;

(iv) appelli minn decizjonijiet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

---

[5] Ara sub-artikolu 8 tal-Artikolu 41 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
[6] Ara Artikolu 42 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
[7] Ara Artikolu 44 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

(v) kawzi li ghandhom x'jaqsmu ma' l-gharfien u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi barranin;

(vi) kawzi ta' arbitragg; u

(vii) kawzi li min-natura taghhom stess jenhtieg li jigu trattati bi speditezza ikbar[8].

....

Ghalhekk essenzjalment l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'ghandiex kontroll shih fuq il-lista u dan stante li meta jidhol appell li jrid jinghata priorita kif timponi l-ligi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'ghandiex ghazla ohra hlief li tappuntah u tiddecidieh qabel kazijiet ohra. Ovvjament dawn il-kazi jinghataw il-precedenza stante li minn natura taghhom huma urgenti. Dan izda xejn ma jrendi d-dewmien ta' smigh ta' appelli ohra gustifikat tenut kont tac-cirkustanzi.'.

Fil-kaz odjern jirrizulta li mid-data tal-intavolar tal-appell sal-appuntar tal-istess appell ghaddew l-fuq minn erba' (4) snin, ghaxar (10) xhur u hdax (11) il-gurnata u fil-mori ma kien qed jigri xejn ghajr li l-appell kien qed jistenna fil-kju sabiex jigi appuntat. Din il-Qorti tqis li dan il-perijodu fil-kju huwa wiehed piuttost twil meta komparat ma' zminijiet ohra fejn l-appelli quddiem l-istess Qorti kienu jiehdu ferm anqas biex jigu appuntati. Din il-Qorti temmen li dan id-dewmien ma kienx rizultat ta' inefficjenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, pero' kien rizultat fost ohrajn ta' bosta nuqqasijiet fis-sistema gudizzjarjarja kif stabilita mill-Istat,

[8] Ara sub-artikolu 1 tal-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 – Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni.

nkluz numru limitat ta' gudikanti li mhumiex bizzejjed biex ilahhqu max-xoghol kollu li jidhol fil-Qrati, nkluz fil-Qorti tal-Appell, kif ukoll nuqqas mhux zghir ta' haddiema kwalifikati fil-Qrati li jghinu sabiex il-proceduri jkunu jistghu jimxu b'aktar speditezza nkluzi 'clerks', deputati u anki 'avukati tal-Qorti'. Tant kienu evidenti dawn in-nuqqasijiet li malli giet krejata t-tielet sezzjoni tal-Qrati tal-Appell, iz-zmien li wiehed jistenna sabiex appell jigi appuntat naqas ghalkemm xorta ghadu wiehed twil.

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti dwar id-dewmien sabiex gie appuntat l-appell huwa gustifikat u ghalhekk ser tghaddi sabiex tiddikjara ksur tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in relazzjoni mad-demwien sabiex jigi appuntat l-appell. Din il-Qorti tqis li bhala danni ghandha takkorda *arbitrio boni viri* s-somma ta' tlett elef Euro (€3,000).

<u>Talba numru 2:</u>

Fit-tieni talba taghha, s-socjeta' rikorrenti tilmenta li l-provvedimenti tat-30 ta' Gunju, 2020 u tal-24 ta' Awwissu, 2020 fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited -vs- Direttur tal-Agrikoltura et jilledu d-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea.

Illi jibda billi jinghad dwar l-Artikolu 47 tal-Karta, fil-paragrafi precedenti precizament taht is-sezzjoni '**<u>Ir-raba' eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd:',</u>** gia die deciz li fil-kaz odjern il-Karta ma tapplikax.

Ghaldaqstant dik il-parti tat-talba relatata mal-Artikolu 47 ser tigi michuda.

Illi dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali konsegwenza tal-provvedimenti rilaxxati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, s-socjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tindika li l-ilment taghha huwa limitat ghas-sub-inciz 2 tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghas-sub-inciz 1 tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li gja gew kwotati fis-sezzjoni precedenti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-provvedimenti rilaxxati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma jiksrux is-sub-inciz 2 tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u s-sub-inciz 1 tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante li kull ma ghamlet il-Qorti kien li ottemperat ruhha ma dak li tghid il-ligi ai termini tal-Artikolu 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-fatt li s-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Limited ma nghatatx smigh mill-Qorti tal-Appell stante dezerzjoni kienet unikament rizultat tan-nuqqas ta' osservanza tal-ligi procedura da parti tas-socjeta' rikorrenti nfisha li naqset li thallas il-kawtela fiz-zmien stipulat fil-ligi. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-argument avanzat mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-24 ta' Awwissu, 2020 kif isegwi:

> 'Illi l-Qorti taghraf li AJD targumenta li, bis-sahha tad-digriet tad-dezerzjoni tal-appell taghha, l-appell taghha kellu jieqaf. Madankollu, l-ilment taghha li dak id-digriet gabilha hsara fil-jedd taghha ghal smigh xieraq kien jista' jkun jghodd kieku r-raguni li wasslet ghall-imsemmi digriet **ma kinitx gejja minn imgibietha stess.'** (emfasi ta' din il-Qorti)

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din it-tieni talba.

**<u>Talba numru 3 - Vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>**

Permezz ta' din it-talba, s-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Limited titlob dikjarazzjoni li l-provvedimenti moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell jilledu d-drittijiet taghha kif sanciti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem billi gabu fix-xejn id-dritt ta' azzjoni li s-socjeta' rikorrenti kellha u dan minghajr l-ebda interess pubbliku.

Illi l-intimati Avukat tal-Istat u d-Direttur fil-hdax-il eccezzjoni jsostnu li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll mhux applikabbli stante li d-dritt procedurali tal-appell la huwa xi dritt patrimonjali u lanqas xi possediment ai finijiet ta' dak l-Artikolu.

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess

ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

Illi l-interpretazzjoni moghtija b'mod kostanti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni hija li:

'Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct, in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among others, **James and Others vs The United Kingdom**, 21 February 1986, §37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth vs Sweden**, 23 September 1982, §61, Series A no. 52; see also **Broniowski vs Poland** (GC), n0. 31443/96, §134, ECHR 2004-V). **Hutten-Czapska v. Poland**.)[9]'

Illi l-mertu tal-kawza odjerna bl-ebda mod ma jitratta t-tgawdija ta' possedimenti mobbli jew immobbli jew ta' xi dritt patrimonjali

[9] Applikazzjoni numru: 35015/97 – 19th June, 2006.

pero' jitratta d-dritt procedurali ta' appell. Illi ghalkemm dan il-provvediment tul is-snin inghata interpretazzjoni pjuttost wiesa l-Qorti ma tqisx li dan jista' jiggebbed tant sabiex jinkludi fih procedura ta' appell. Ghaldaqstant fid-dawl li din il-Qorti ma' tqisx li d-dritt ta' appell ma jaqax taht wahda mill-kategorij msemmija kif issostni r-Rikorrenti, jirrizulta li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-kaz odjern u ser tghaddi sabiex tichad ukoll din it-tielet talba.

**<u>Il-hames talba:</u>**

Fil-hames talba s-socjeta' rikorrenti titlob li jigi dikjarat li l-provvedimenti huma nulli u *ultra vires* billi l-Artikoli tal-ligi dwar il-hlas tal-kawtela m'humiex applikabbli fl-ambitu ta' kawza promossa f'Qorti Maltija u li fiha kienu qeghdin jigu mistharrga l-obbligi u r-responsabbilitajiet tal-awtoritajiet Maltin koncernati a bazi ta' ligijiet Ewropej.

Illi l-Qorti rat li l-artikolu 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jaghmel l-ebda distinzjoni fil-hlas tal-garanzija pero' r-regola hija applikabbli bl-istess mod f'kull kaz irrispettivament mill-mertu. Infatti jekk tinghata harsa lejn kif kien l-Artikolu 249 tal-Kapitolu 12 qabel l-emendi introdotti bl-Att XXXII tal-2021 jirrizulta li l-Qorti kienet taghmel unikament referenza ghar-rikors mahluf in generali bl-ebda differenza in konnessjoni mal-mertu tal-rikors mahluf. Ghalhekk l-allegazzjoni avanzata fil-hames talba li l-provvedimenti huma nulli u ultra vires hija wahda fiergha ghall-ahhar. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din it-talba.

**Is-sitt talba:**

Illi s-socjeta′ rikorrenti fis-sitt talba titlob li l-Qorti tghaddi sabiex thassar u tirrevoka l-provvedimenti tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta′ Gunju, 2020 u tal-24 ta′ Awwissu, 2020 fil-kawza bic-citazzjoni numru 1210/08 fl-ismijiet AJD Tuna Limited -vs- Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et u tordna t-tqeghid mill-gdid tal-kawza fuq il-lista ghas-smigh tal-kawzi.

Illi fl-analizi tar-rikors odjern, ma rrizultax lil din il-Qorti li l-provvedimenti tal-Qorti tal-Appell kienu lezivi tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta′ rikorrenti. Huwa biss id-dewmien sabiex gie appuntat l-appell li nstab leziv tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta′ rikorrenti. Lanqas ma rrizulta li l-provvedimenti kienu ultra vires jew kienu nulli. Ghaldaqstant fid-dawl ta′ dan il-Qorti tghaddi sabiex tichad din is-sitt talba fl-interezza taghha.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta′ u tiddeciedi r-rikors odjern kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni preliminari tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali bhala sorvolata;

2. Tilqa′ t-tieni eccezzjoni preliminari tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali u tiddikjara li m′huwiex il-legittimu kontradittur u konsegwentament tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd;

4. Tiddikjara t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd bhala sorvolati;

5. Tilqa' r-raba' eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u ssib li l-azzjoni a bazi tal-Artikoli 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem hija mproponibbli;

6. Tichad in parte s-seba' eccezzjoni u tiddikjara li saret lezjoni ta' dritt sancit permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta limitatament biss izda in relazzjoni ghad-dewmien sabiex gie appuntat l-appell fil-kawza bin-numru 1210/08 filwaqt li tilqa' s-seba' eccezzjoni in relazzjoni mal-bqija tal-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti;

7. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd sakemm dawn huma kompatibbli ma' dawk hawn deciz;

8. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li bil-fatt li l-appell tal-esponenti fil-kawza fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C – 26300) vs Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Generali, illum il-gurnata maghruf bhala l-Avukat tal-Istat (citazzjoni numru 1210/2008) dam madwar hames snin biex jigi appuntat sehhet vjolazzjoni tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta'

Malta u l- Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

9. Tilqa' s-seba' (7) talba limitatament biss izda ghall-ewwel talba u tiffissa *arbitrio boni viri* s-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bhala danni;

10. Tichad il-kumplament tat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha tar-Registratur intimat ghandhom jigu sopporati mis-socjeta' rikorrenti, il-bqija tal-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 5/7 mill-intimat Avukat tal-Istat u in kwantu ghar-rimanenti 2/7 a karigu tas-socjeta' rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Jannar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Jannar, 2022**